Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2115(INI)

3.6.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027
(2025/2115(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Maravillas Abadía Jover

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jippreżenta lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013[1a],
	[1a] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj.

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[1a],
	[1a] OJ L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj.

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pakkett Semestru Ewropew tal-Ħarifa 2025, u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2025 bit-titolu "Semestru Ewropew – Pakkett tal-Ħarifa – It-twettiq tal-Boxxla għall-Kompetittività: immexxu l quddiem ir-riformi u l-investimenti "(COM(2025)0955),

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2026 mill-Kummissjoni u l-Kunsill,

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2025 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għal impjieg ta' kwalità" (COM(2025)0944),

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-unjoni tal-ħiliet tal-Kummissjoni,

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 10/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali fl-UE – Mekkaniżmu essenzjali, iżda l-użu tiegħu huwa skars u inkonsistenti",

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali" (COM(2021)0778),

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 33a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Enrico Letta ta' April 2024 bit-titolu "Much more than a Market" ("Ħafna aktar milli Suq"), ikkumissjonat mill-Kunsill Ewropew,

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 33b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Mario Draghi ta' Settembru 2024 bit-titolu "Il-futur tal-kompetittività Ewropea",

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 68a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2014 dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ għat-trawwim tal-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ,

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 68b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-26 ta' Marzu 2025 bit-titolu "Strateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza" (JOIN(2025)0130),

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 68c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Konsulent Speċjali Sauli Niinisto tat-30 ta' Ottubru 2024 bit-titolu "Safer Together: Strengthening Europe's

	Civilian and Military Preparedness and Readiness" (Aktar Sikuri Flimkien:it-Tisħiħ tal-Preparatezza u tal-Prontezza Ċivili u Militari tal-Ewropa),

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 70a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażagħ, kif approvati fl-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027,

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 70b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Novembru 2022 dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażagħ Ewropej: l-impjiegi u l-irkupru soċjali wara l-pandemija[1a],
	[1a] ĠU C 342, 6.9.2022, p. 265.

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 70c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni dwar id-diskriminazzjoni abbażi tal-età fl-UE, ippubblikat f'Novembru 2025,

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 70d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2026 bit-titolu "Strateġija dwar l-ekwità intergenerazzjonali" (COM(2026)0110),

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 70e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-indikaturi tal-Eurostat dwar il-qgħad fost iż-żgħażagħ u ż-żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEETs),

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi mill-adozzjoni tagħha, l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ (EUYS) kellha tadatta għal kriżijiet kbar, li, flimkien ma' sfidi preeżistenti bħall-qgħad fost iż-żgħażagħ, it-tħassib dwar is-saħħa mentali, is-sostenibbiltà ambjentali u d-disparitajiet rurali-urbani, sawru l-opportunitajiet u r-restrizzjonijiet li jiffaċċjaw it-73 miljun ċittadin żagħżugħ tal-UE;	A. billi mill-adozzjoni tagħha, l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ (EUYS) kellha tadatta għal kriżijiet kbar, ***inklużi l-pandemija tal-COVID-19, l-instabbiltà ekonomika u t-tensjonijiet ġeopolitiċi,*** li, flimkien ma' sfidi preeżistenti bħall-qgħad fost iż-żgħażagħ, ***l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni,*** it-tħassib dwar is-saħħa mentali, is-sostenibbiltà ambjentali, ***l-użu ta' għodod tal-IA li jsawru mill-ġdid l-edukazzjoni, ix-xogħol u l-interazzjonijiet soċjali fost iż-żgħażagħ,*** id-disparitajiet rurali-urbani, ***u l-aċċess mhux uniformi għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità,*** sawru l-opportunitajiet u r-restrizzjonijiet li jiffaċċjaw it-73 miljun ċittadin żagħżugħ tal-UE;

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-EUYS ipprovdiet qafas siewi għall-politika dwar iż-żgħażagħ, iżda l-effettività tagħha tiddependi ħafna mill-implimentazzjoni tal-Istati Membri u mill-kapaċità tagħha li tilħaq liż-żgħażagħ, tibqa' inklużiva u diversa, u tippermettilhom jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħolqien u l-implimentazzjoni tagħha;	B. billi ***l-implimentazzjoni tal-***EUYS ***tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, u tirriżulta f'eżiti mhux uniformi għaż-żgħażagħ madwar l-UE u f'sottofinanzjament; billi, għalkemm l-EUYS*** ipprovdiet qafas siewi għall-politika dwar iż-żgħażagħ, l-effettività tagħha tiddependi ***mill-kapaċità li tirreaġixxi għar-realtajiet lokali u mill-impenn tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni koerenti u adegwata,*** u mill-kapaċità tagħha li tilħaq liż-żgħażagħ ***kollha*** u tippermetti ***l-parteċipazzjoni tagħhom*** fid-***disinn*** u l-implimentazzjoni tagħha ***u li tkun kapaċi tiżgura s-sjieda u l-inklużjoni***;

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 (EYY2022) u l-legat tagħha wrew apprezzament għaż-żgħażagħ u enfasizzaw l-importanza tagħhom bħala xprunaturi ta' futur Ewropew kondiviż;	C. billi s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 (EYY2022) u l-legat tagħha wrew ***rikonoxximent politiku tar-***rwol ***ċentrali taż-***żgħażagħ ***fis-soċjetajiet tagħna*** u enfasizzaw l-importanza tagħhom bħala xprunaturi ta' futur Ewropew kondiviż;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-politika dwar iż-żgħażagħ għandha tiġi rikonoxxuta mhux biss bħala prijorità soċjali iżda wkoll bħala

investiment strateġiku fil-kapital uman, fil-kompetittività u fir-reżiljenza ekonomika fit-tul tal-UE, li twassal għal koeżjoni soċjali msaħħa, kundizzjonijiet tal-ħajja mtejba, benesseri u solidarjetà interġenerazzjonali fi ħdan l-UE;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-EUYS għadha mhijiex inkorporata biżżejjed f'oqfsa ta' politika usa' tal-UE, inklużi l-governanza ekonomika u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-impjiegi; billi l-implimentazzjoni effettiva tagħha tirrikjedi l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fil-proċessi istituzzjonali, inkluż is-Semestru Ewropew, permezz ta' objettivi aktar ċari u ġbir imtejjeb tad-data mill-Istati Membri u analiżi komparattiva aktar b'saħħitha, sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-politika dwar l-impjiegi, il-ħiliet, l-akkomodazzjoni, l-inklużjoni u l-obbligu ta' rendikont, u biex jitwasslu impatti tanġibbli għaż-żgħażagħ;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi ż-żgħażagħ huma affettwati direttament mit-tranżizzjoni doppja u għandhom jingħataw l-għarfien, il-ħiliet u l-opportunitajiet meħtieġa biex jikkontribwixxu b'mod attiv għall-innovazzjoni, il-kompetittività, il-produttività, it-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija, kif ukoll biex jibbenefikaw mill-

	opportunitajiet tas-suq tax-xogħol u jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà;

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-Kummissjoni ma implimentatx b'mod konsistenti l-"verifika taż-żgħażagħ", minkejja l-impenn tagħha li tagħmel dan bħala azzjoni ewlenija tal-legat tal-EYY2022 u pass kbir lejn l-iżgurar li perspettiva taż-żgħażagħ u l-impatt fuq iż-żgħażagħ jiġu kkunsidrati fil-politiki u l-inizjattivi tal-UE rilevanti għaż-żgħażagħ;	E. billi l-Kummissjoni ma implimentatx ***b'mod sistematiku*** l-"verifika taż-żgħażagħ", minkejja l-impenn tagħha li tagħmel dan bħala ***parti*** mil-legat tal-EYY2022***; billi tali mekkaniżmu għandu jiġi applikat biex jiġi żgurat li l-perspettivi*** taż-żgħażagħ ***jiġu kkunsidrati bis-sħiħ fil-politiki rilevanti tal-UE, inklużi miżuri fil-qasam tal-impjiegi u*** l-politiki ***soċjali, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi bla bżonn***;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi d-disparitajiet persistenti bejn u fl-Istati Membri, b'mod partikolari bejn iċ-ċentri urbani u ż-żoni rurali, jillimitaw l-aċċess taż-żgħażagħ għal edukazzjoni ta' kwalità, impjieg, involviment kulturali u infrastruttura bażika;	F. billi d-disparitajiet persistenti bejn u fl-Istati Membri, b'mod partikolari bejn iċ-ċentri urbani u ż-żoni rurali ***u remoti***, jillimitaw l-aċċess taż-żgħażagħ għal edukazzjoni ta' kwalità, impjieg, ***akkomodazzjoni affordabbli, servizzi tal-kura tas-saħħa,*** impjiegi, ***kultura*** u infrastruttura bażika; ***billi dawn l-iżbilanċi jistgħu jikkontribwixxu għad-depopolazzjoni u l-eżodu ta' mħuħ, speċjalment f'reġjuni anqas żviluppati;***

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-Ewropa qed tiffaċċja sfidi demografiċi serji, u billi t-tibdil demografiku, it-trasformazzjoni ekonomika, kif ukoll it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, jirrikjedu t-tisħiħ tas-solidarjetà interġenerazzjonali sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-pensjonijiet, l-istat soċjali u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi approċċ interġenerazzjonali għall-parteċipazzjoni u l-inklużjoni taż-żgħażagħ huwa essenzjali sabiex jitrawmu l-kooperazzjoni, is-solidarjetà u d-djalogu bejn il-persuni akbar fl-età u ż-żgħażagħ; billi tali approċċ għandu jippromwovi l-ekwità interġenerazzjonali fit-tfassil tal-politika, inkluż permezz tal-valutazzjoni tal-impatti fit-tul tad-deċiżjonijiet pubbliċi, u jiżgura l-involviment sistematiku, strutturat u orjentat lejn l-eżiti u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u jevita proċessi ta' konsultazzjoni simboliċi; billi huwa kruċjali li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bbażati fuq l-età, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw liż-żgħażagħ, u li jiġi ggarantit li l-ġenerazzjonijiet kollha jgawdu minn opportunitajiet indaqs u aċċess għal servizzi essenzjali, inklużi l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali u l-impjiegi ta' kwalità għolja u inklużivi;

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ għandhom rwol essenzjali fl-appoġġ tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-Istati Membri kollha;	G. billi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ għandhom rwol essenzjali fl-appoġġ tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-Istati Membri kollha***, fit-trawwim tal-involviment ċiviku u l-inklużjoni soċjali u jservu bħala pontijiet vitali bejn iż-żgħażagħ u dawk li jfasslu l-politika, u fit-trawwim tar-responsabbiltà ċivika, il-koeżjoni soċjali, l-involviment demokratiku u r-rispett għall-valuri tal-UE***;

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-iżolament soċjali, il-kontenut estremist online u l-isfidi tas-saħħa mentali huma xprunaturi ewlenin tar-radikalizzazzjoni; billi dawn l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati permezz tal-edukazzjoni formali u mhux formali, il-volontarjat, id-djalogu interkulturali u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ;	H. billi l-iżolament soċjali, il-kontenut estremist ***u li joħloq dipendenza*** online u l-isfidi tas-saħħa mentali huma xprunaturi ewlenin tar-radikalizzazzjoni; billi dawn l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati permezz tal-edukazzjoni formali u mhux formali, il-volontarjat, id-djalogu interkulturali u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, ***l-isport u l-arti***;

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-iżolament soċjali, il-kontenut estremist online u l-isfidi tas-saħħa mentali huma xprunaturi ewlenin tar-radikalizzazzjoni; billi dawn l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati permezz tal-edukazzjoni formali u mhux formali, il-volontarjat, id-djalogu interkulturali u l-parteċipazzjoni	H. billi l-iżolament soċjali, ***id-disinn li joħloq dipendenza tal-pjattaformi u l-għodod online,*** il-kontenut estremist online, ***in-nuqqas ta' fiduċja politika, id-diskorsi pubbliċi polarizzati, il-kampanji ta' diżinformazzjoni,*** u l-isfidi tas-saħħa mentali huma xprunaturi ewlenin tar-

taż-żgħażagħ;

radikalizzazzjoni; billi dawn l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati permezz tal-edukazzjoni formali u mhux formali, il-volontarjat, id-djalogu interkulturali u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ ***u l-infurzar robust tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali[1a] fil-ġlieda kontra l-amplifikazzjoni algoritmika ta' kontenut u mġiba estremisti***;

[1a]Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi ż-żgħażagħ rurali u ż-żgħażagħ b'anqas opportunitajiet għadhom jiffaċċjaw ostakli għall-parteċipazzjoni;	I. billi ż-żgħażagħ rurali u ż-żgħażagħ ***li ġejjin mill-gruppi kollha vulnerabbli u emarġinati, bħan-NEETs, ir-Rom u t-Travellers, il-persuni mingħajr dar, l-individwi LGBTQIA+, il-migranti, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni li jiffaċċjaw mard kroniku u dipendenza kif ukoll il-persuni li jindukraw b'mod informali u l-ġenituri waħedhom,*** għadhom jiffaċċjaw ostakli ***sinifikanti*** għall-parteċipazzjoni;

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi ż-żgħażagħ b'diżabbiltà jiffaċċjaw ostakli strutturali fl-aċċess għal

edukazzjoni, taħriġ u impjiegi ta' kwalità, u għaldaqstant jirrikjedu appoġġ imsaħħaħ biex jiġu żgurati opportunitajiet ugwali, żvilupp tal-ħiliet u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol sinifikattiva;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. ***[EMPL]***	J. ***billi koordinazzjoni akbar bejn l-EUYS u strumenti ta' finanzjament tal-UE rilevanti, inklużi l-Erasmus+, il-Fond Ewropew Soċjali Plus u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija meħtieġa biex timmassimizza l-impatt, il-valur miżjud u l-komplementarjetà tal-istrateġija; billi l-effettività ta' dawn l-istrumenti tiddependi ħafna mill-kapaċità ta' Stati Membri li jfasslu politiki koerenti allinjati mal-objettivi tagħhom, u jinkludu miżuri relatati mal-Garanzija għaż-Żgħażagħ rinforzata, u biex jiżguraw l-assorbiment f'waqtu u effettiv tagħhom; billi tali koordinazzjoni għandha tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ u l-ostakli strutturali li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ, bil-ħsieb li jitnaqqas b'mod sostenibbli l-għadd ta' NEETs, b'mod partikolari dawk li qed jiffaċċjaw l-esklużjoni soċjali u dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli;***

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi l-politiki dwar l-inklużjoni taż-żgħażagħ għandhom jiffukaw fuq l-iżgurar tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità, opportunitajiet ta' impjieg ta'

	kwalità, u mobbiltà tax-xogħol u intraprenditorija ġusti, li jippermettu liż-żgħażagħ jikkontribwixxu b'mod attiv għall-komunitajiet tagħhom u għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-UE;

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Jb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jb. billi l-intraprenditorija taż-żgħażagħ hija mod effettiv biex jiġu promossi l-impjieg taż-żgħażagħ, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-inklużjoni soċjali, kif ukoll biex jiġu stimulati l-innovazzjoni u l-kompetittività;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità huwa prerekwiżit ***għall-ġustizzja*** soċjali***, il-mobbiltà*** soċjali għall-aħjar, il-parteċipazzjoni demokratika u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli; billi l-ostakli finanzjarji jkomplu jeskludu ħafna żgħażagħ mill-edukazzjoni u t-taħriġ madwar l-Unjoni; billi n-nuqqas dejjem jikber ta' għalliema kkwalifikati u persunal edukattiv f'ħafna Stati Membri jimmina l-kwalità, l-aċċessibbiltà u l-inklużività tas-sistemi edukattivi;	L. billi l-aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità huwa prerekwiżit ***għall-koeżjoni*** soċjali u l-mobbiltà soċjali għall-aħjar, il-parteċipazzjoni demokratika u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli; billi l-ostakli finanzjarji jkomplu jeskludu ħafna żgħażagħ***, b'mod partikolari dawk minn gruppi vulnerabbli,*** mill-edukazzjoni u t-taħriġ madwar l-Unjoni; billi n-nuqqas dejjem jikber ta' għalliema kkwalifikati u persunal edukattiv f'ħafna Stati Membri jimmina l-kwalità, l-aċċessibbiltà u l-inklużività tas-sistemi edukattivi; ***billi l-għalliema kwalifikati u l-persunal edukattiv huma essenzjali biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali, jingħalqu l-lakuni fl-apprendiment u fit-taħriġ, jiġi miġġieled l-eżodu ta' mħuħ u titrawwem l-eċċellenza tal-UE fl-edukazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kompetittività fit-tul tal-UE;***

billi t-tisħiħ tal-professjoni tat-tagħlim jirrikjedi rikonoxximent adegwat, paga deċenti, kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u appoġġ f'diversi mudelli edukattivi, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja madwar l-UE għandhom rwol ċentrali fit-trawwim tal-valuri tal-UE, inklużi d-demokrazija, l-inklużività u d-diversità, u fit-titjib tal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol fit-tul taż-żgħażagħ; billi dan jirrikjedi analiżi fil-fond, investiment u riformi, sabiex jittejbu l-litteriżmu u n-numeriżmu, jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet, tittejjeb l-eċċellenza, jiġi indirizzat it-tluq bikri mill-iskola u jittejbu l-eżiti fit-tul għaż-żgħażagħ;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Lb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Lb. billi t-tisħiħ tar-rabta bejn s-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol huwa essenzjali sabiex jitnaqqsu l-ispariġġi fil-ħiliet, tissaħħaħ l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ u jiġu appoġġjati l-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku tal-UE;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi l-edukazzjoni ċivika ssaħħaħ il-fehim tal-kunċetti u l-istituzzjonijiet ċiviċi u tiżviluppa l-ħiliet meħtieġa biex jiġu analizzati l-kwistjonijiet u jkun hemm parteċipazzjoni fis-soċjetà b'mod infurmat;	M. billi l-edukazzjoni ċivika ssaħħaħ il-fehim tal-kunċetti u l-istituzzjonijiet ċiviċi u tiżviluppa l-ħiliet meħtieġa biex jiġu analizzati l-kwistjonijiet u jkun hemm parteċipazzjoni fis-soċjetà b'mod infurmat***, u b'hekk tgħammar liż-żgħażagħ biex jivvalutaw b'mod kritiku l-aħbarijiet foloz, l-esponiment għal kontenut online dannuż u vjolenti, u kampanji ta' diżinformazzjoni li jimminaw b'mod sproporzjonat il-valuri u r-reżiljenza demokratika tal-UE***;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi l-edukazzjoni mhux formali u informali, inklużi l-volontarjat, il-ħidma fost iż-żgħażagħ, l-involviment ċiviku u l-inizjattivi fil-livell lokali, huma strument ewlieni għaż-żgħażagħ; billi l-volontarjat, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u forom oħra ta' edukazzjoni mhux formali huma komponenti siewja tal-apprendiment tul il-ħajja, li jikkontribwixxu għall-impjegabbiltà, l-involviment ċiviku u l-iżvilupp personali;	N. billi ***l-perkorsi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ għandhom jkunu allinjati aħjar mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u jippermettu liż-żgħażagħ jiksbu ħiliet rilevanti, inklużi dawk online, u jiffaċilitaw tranżizzjonijiet b'anqas xkiel lejn impjiegi ta' kwalità u opportunitajiet tas-suq tax-xogħol imtejba; billi l-kompetenzi miksuba permezz tal-apprendiment formali***, mhux formali u informali, inklużi ***permezz tal-isport, għandhom jiġu rrikonoxxuti u jingħataw valur għal skopijiet ta'*** żvilupp ***professjonali u tal-karriera u biex irawmu solidarjetà, koeżjoni territorjali u kultura ta' komunità***;

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Na (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Na. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ ir-rabta bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħra tas-suq tax-xogħol sabiex jiġi żgurat li l-kurrikuli jkunu aġġornati; billi huwa meħtieġ biżżejjed investiment sabiex jiġu żgurati ambjenti ta' apprendiment adegwati, jittejbu l-ħiliet, jissaħħu l-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ, u jiġi appoġġjat it-tkabbir sostenibbli;

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Nb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Nb. billi s-suġġetti relatati mal-preparatezza għandhom jiġu inklużi fil-programmi ta' taħriġ tal-persunal edukattiv u tal-għalliema, kif ukoll fil-kurrikuli tal-iskejjel, inkluż permezz tal-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel u l-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ u l-Portal tat-Tagħlim, biex iqajmu kuxjenza fost iż-żgħażagħ dwar ir-riskji ta' diżastri u jrawmu l-prevenzjoni;

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Nc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Nc. billi l-opportunitajiet ta' volontarjat u ta' skambju fil-qasam tal-preparatezza, permezz tal-programmi għaż-żgħażagħ tal-UE bħall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-programmi Erasmus+, għandhom jiġu promossi, fil-kuntest tal-intensifikazzjoni tal-kriżijiet

klimatiċi u dawk ikkawżati mill-bniedem;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Nd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Nd. billi t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) huwa essenzjali biex jiġu indirizzati n-nuqqas ta' ħiliet u titrawwem l-innovazzjoni; billi t-tħeġġiġ ta' parteċipazzjoni akbar tan-nisa f'dan il-kuntest huwa kruċjali biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tat-talent tal-Ewropa u biex tittejjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tiġi sfruttata bis-sħiħ il-kompetittività tal-UE;

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ne (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ne. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) ippruvduti permezz ta' diversi mudelli u istituzzjonijiet edukattivi huma essenzjali għall-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol; billi s-sistemi edukattivi doppji li jikkombinaw l-apprendiment fil-klassi mal-esperjenza prattika fuq il-post tax-xogħol huma partikolarment effettivi fil-faċilitazzjoni ta' tranżizzjonijiet bla xkiel lejn impjieg stabbli u ta' kwalità; billi l-programmi tal-VET għandhom jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra tas-suq tax-xogħol, sabiex tissaħħaħ l-impjegabbiltà u jitnaqqsu l-ispariġġi fil-ħiliet;

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi l-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-edukazzjoni tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ mhumiex rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha, u dan jirriżulta f'diskrepanzi fil-programmi għaż-żgħażagħ tal-UE; billi r-rikonoxximent tal-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-edukazzjoni tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ se jiżgura livell minimu ta' armonizzazzjoni tar-realtajiet taż-żgħażagħ madwar l-UE u jista' jkollu impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-proġetti mwettqa fl-ambitu tal-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES);	O. billi l-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-edukazzjoni tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ mhumiex rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha, u dan jirriżulta f'diskrepanzi fil-programmi għaż-żgħażagħ tal-UE; billi r-rikonoxximent tal-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-edukazzjoni tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, ***inklużi dawk b'diżabbiltà*** se jiżguraw livell minimu ta' armonizzazzjoni ***tal-esperjenzi u l-opportunitajiet*** taż-żgħażagħ madwar l-UE u jista' jkollhom impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-proġetti mwettqa taħt Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES)**,** ***jippromwovu l-professjonalizzazzjoni u l-bini tal-kapaċità fost il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, kif ukoll ir-rikonoxximent tal-kompetenzi miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u informali***;

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. billi għad hemm lakuni fil-validazzjoni u t-trasferibbiltà tal-kwalifiki, li jillimitaw ir-rikonoxximent sħiħ tagħhom għal skopijiet professjonali u l-kontribut tagħhom għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-kompetittività;

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	P. billi d-diskriminazzjoni abbażi tal-età għadha mifruxa fl-UE kollha, u taffettwa lill-individwi fi stadji differenti tal-ħajja; billi ż-żgħażagħ huma affettwati b'mod sproporzjonat minn impjieg prekarju u aċċess limitat għal impjiegi stabbli; billi dawn ix-xejriet jenfasizzaw il-ħtieġa ta' risponsi ta' politika li jindirizzaw il-gruppi tal-etajiet kollha, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Pa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Pa. billi n-nuqqas ta' definizzjoni ċara ta' "traineeship" f'ċerti Stati Membri jista' jwassal għal inċertezza legali u standards mhux uniformi madwar l-UE; billi huma meħtieġa aktar ċarezza u konverġenza biex jiġu żgurati traineeships ta' kwalità li jipprovdu esperjenzi ta' apprendiment sinifikattivi, kumpens adegwat u kundizzjonijiet ġusti għaż-żgħażagħ;

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-kisbiet tal-EUYS 2019-2027 fl-għoti ta' qafas koerenti għall-kooperazzjoni fil-politika dwar iż-żgħażagħ u fl-iżgurar tal-viżibbiltà tal-prijoritajiet taż-żgħażagħ fiċ-ċikli politiċi kollha; jisħaq fuq il-ħtieġa li jinżamm qafas ta' livell għoli u adattabbli bbażat fuq l-oqsma ewlenin tal-EUYS (Impenn, Konnessjoni, Għoti tas-Setgħa) wara l-	1. Jilqa' l-kisbiet tal-EUYS 2019-2027 fl-għoti ta' qafas koerenti għall-kooperazzjoni fil-politika dwar iż-żgħażagħ u ***fil-promozzjoni*** tal-viżibbiltà tal-prijoritajiet taż-żgħażagħ fiċ-ċikli politiċi kollha; ***jissottolinja li kwalunkwe qafas ta' wara l-2027 għandu jżomm ir-rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, jevita piżijiet amministrattivi jew***

2027;	***regolatorji addizzjonali mhux neċessarji fil-livell tal-UE u jiffoka fuq il-kisba ta' riżultati tanġibbli fl-edukazzjoni, l-impjiegi u l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ;*** jisħaq fuq il-ħtieġa li jinżamm qafas ta' livell għoli u adattabbli bbażat fuq l-oqsma ewlenin tal-EUYS (Impenn, Konnessjoni, Għoti tas-Setgħa) ***li jippermetti lill-Istati Membri jimplimentaw il-politiki taż-żgħażagħ fil-kuntest nazzjonali tagħhom***;

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw l-objettivi tal-EUYS fost il-politiki nazzjonali u l-aġendi ta' riforma rilevanti, u jiżguraw kapaċità istituzzjonali u koordinazzjoni strateġika adegwati; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' allinjament aktar b'saħħtu tal-istrateġija ma' strumenti ta' finanzjament tal-UE, inklużi l-Erasmus+, il-FSE+ u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, biex jiġi mmassimizzat l-impatt li jista' jitkejjel, tiġi appoġġjata l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ, jittejjeb l-assorbiment effiċjenti tal-fondi u jitnaqqsu d-disparitajiet fl-eżiti, filwaqt li jiġi pprevenut d-duplikazzjoni;

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jenfasizza l-importanza ta' governanza effettiva f'diversi livelli li tinvolvi lill-awtoritajiet tal-UE, dawk nazzjonali, reġjonali u lokali fl-implimentazzjoni tal-EUYS, b'rispett sħiħ

	tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u tal-kompetenzi nazzjonali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-prijoritajiet relatati maż-żgħażagħ huma riflessi b'mod adegwat fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u fl-istrumenti ta' finanzjament tal-UE relatati;

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 2 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni koerenti, ambizzjuża u orjentata lejn ir-riżultati tal-EUYS, filwaqt li jintegraw l-objettivi tagħha fl-aġendi ta' riforma nazzjonali, is-Semestru Ewropew, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2026 u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, u b'hekk jindirizzaw id-disparitajiet persistenti fl-eżiti, jespandu l-indikaturi speċifiċi għaż-żgħażagħ u jiżguraw l-aċċess għall-opportunitajiet u l-inklużjoni soċjoekonomika għaż-żgħażagħ madwar l-UE, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli;

Emenda 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-iżvilupp tal-11-il EYG permezz tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ kien stadju importanti fil-politika dwar iż-żgħażagħ; jemmen, madankollu, li l-EYGs iridu jiġu evalwati mill-ġdid u aġġornati biex jinkorporaw realtajiet soċjetali ġodda u kwistjonijiet trażversali li jaffettwaw liż-żgħażagħ;	3. Jenfasizza li l-iżvilupp tal-11-il EYG permezz tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ ***jista' jkun*** stadju importanti fil-politika dwar iż-żgħażagħ ***jekk ikun akkumpanjat minn indikaturi li jistgħu jitkejlu; jisħaq*** li l-EYGs ***għandhom jiġu riežaminati biex jirriflettu l-iżviluppi*** soċjetali, ***teknoloġiċi u ekonomiċi li qed jevolvu, inklużi l-impatt tad-diġitalizzazzjoni, it-trasformazzjoni tas-***

suq tax-xogħol u l-instabbiltà ġeopolitika fuq iż-żgħażagħ;

Emenda 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jisħaq li l-EYGs għandhom iservu bħala qafas strateġiku li jiggwida l-azzjoni ta' politika konkreta fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, u ma għandhomx jibqgħu sempliċement dikjarazzjonijiet ta' aspirazzjoni;

Emenda 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni torganizza dan ir-rieżami f'kokreazzjoni mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u tas-soċjetà ċivili, iż-żgħażagħ b'anqas opportunitajiet, iż-żgħażagħ mhux organizzati, it-tfal u l-adolexxenti, kif ukoll ir-riċerkaturi u l-akkademiċi, biex tiżgura li jitqiesu x-xejriet fit-tul u s-sejbiet ta' prospettiva;	4. Jistieden lill-Kummissjoni torganizza dan ir-rieżami f'kokreazzjoni mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u tas-soċjetà ċivili, iż-żgħażagħ b'anqas opportunitajiet, iż-żgħażagħ li mhumiex f'organizzazzjoni u l-adolexxenti, kif ukoll ir-riċerkaturi u l-akkademiċi, biex tiżgura li jitqiesu x-xejriet fit-tul u s-sejbiet ta' prospettiva;

Emenda 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-presidenzi tal-Kunsill li jmiss jintegraw suġġetti emerġenti fl-attivitajiet attwali marbuta maċ-ċikli finali tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ biex tiġi żgurata l-kontinwità fid-dawl tal-EUYS ta' wara l-	5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-presidenzi tal-Kunsill li jmiss jintegraw suġġetti emerġenti***, bħall-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u l-użu esponenzjali tal-għodod tal-AI li jsawru mill-ġdid l-edukazzjoni, ix-xogħol u l-interazzjonijiet soċjali fost iż-żgħażagħ,*** fl-attivitajiet

2027;	attwali marbuta maċ-ċikli finali tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ biex tiġi żgurata l-kontinwità fid-dawl tal-EUYS ta' wara l-2027;

Emenda 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni, lil korpi oħra tal-UE u lill-Istati Membri jtejbu l-komunikazzjoni, il-viżibbiltà u s-sensibilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati dwar l-EUYS, l-istrumenti u l-inizjattivi tagħha fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;	6. Jistieden lill-Kummissjoni, lil korpi oħra tal-UE u lill-Istati Membri jtejbu l-komunikazzjoni, il-viżibbiltà u s-sensibilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati dwar l-EUYS, l-istrumenti u l-inizjattivi tagħha fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali***, u jadattawhom għar-realtajiet lingwistiċi tal-Istati Membri***; ***jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sensibilizzazzjoni diġitali kkoordinata, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u involviment f'diversi livelli, li huma essenzjali biex jiġu massimizzati l-parteċipazzjoni, il-fehim u l-adozzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-infrastruttura diġitali biex jiżguraw l-aċċessibbiltà, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi dawk b'diżabbiltà;***

Emenda 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-EUYS wara l-2027;	7. Jistieden lill-Kummissjoni, ***b'kooperazzjoni mal-Istati Membri,*** tiżviluppa sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ***robusta u komprensiva*** għall-EUYS ta' wara l-2027***, u tiżgura li tkun integrata fi strutturi ta' governanza tal-UE attwali, inkluż is-Semestru Ewropew, b'mod proporzjonat u effiċjenti***;

Emenda 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jilqa' l-isforzi reċenti tal-Kummissjoni biex tiżviluppa l-integrazzjoni taż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażagħ, il-"verifika taż-żgħażagħ", id-djalogi ta' politika mal-Kummissarji, u n-networks interni u esterni taż-żgħażagħ tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa u ttejjeb ***b'mod sistematiku l-implimentazzjoni*** tagħhom, ***u tinkludi kapitolu dwar il-***"verifika taż-żgħażagħ" fl-EUYS ta' wara l-2027;	9. Jilqa' l-isforzi reċenti tal-Kummissjoni biex tiżviluppa l-integrazzjoni taż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażagħ, il-"verifika taż-żgħażagħ", id-djalogi ta' politika mal-Kummissarji, u n-networks interni u esterni taż-żgħażagħ tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa u ttejjeb ***l-implimentazzjoni tagħhom, issaħħaħ ir-rappurtar dwar l-eżiti*** tagħhom ***u tiżgura li tali mekkaniżmi jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza***, ***inkluża applikazzjoni aktar sinifikattiva tal-*** "verifika taż-żgħażagħ" fl-EUYS ta' wara l-2027; ***jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li r-riżultati tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ ikunu trasparenti u riflessi b'mod xieraq fit-tfassil tal-politika;***

Emenda 62
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jinkludu*** b'mod sistematiku ***u effettiv liż-żgħażagħ*** matul iċ-ċiklu kollu tal-politika, inkluż fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tiegħu, u jiżguraw feedback ċar u segwitu dwar kif il-kontribut tagħhom huwa rifless ***fl-eżiti tal-politika***;	10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jtejbu*** b'mod sistematiku ***l-inklużjoni taż-żgħażagħ*** matul iċ-ċiklu kollu tal-politika, inkluż fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tiegħu, u jiżguraw feedback ċar u segwitu dwar kif il-kontribut tagħhom huwa rifless ***fl-azzjonijiet u l-eżiti ta' politika***;

Emenda 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***timplimenta l-"verifika taż-żgħażagħ" b'mod trasparenti*** u ***konsistenti matul iċ-ċiklu tal-politika***, ***billi taħtar Korrispondenti taż-Żgħażagħ f'kull Direttorat Ġenerali, tiddeżinja fajls leġiżlattivi konkreti bħala rilevanti għaż-żgħażagħ fil-programm ta' ħidma annwali tagħha, twettaq b'mod sistematiku valutazzjonijiet*** tal-impatt ***b'kapitoli speċifiċi dwar iż-żgħażagħ fuq dawk il-fajls*** u ***tivvaluta l-impatti fuq iż-żgħażagħ fl-evalwazzjonijiet tagħha***;	11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tiżgura li l-impatt tal-politiki tal-UE u, b'mod partikolari***, "il-verifika taż-żgħażagħ" ***jiġi vvalutat b'mod proporzjonat u bbażat fuq l-evidenza, filwaqt li jintegra l-kunsiderazzjonijiet li jikkonċernaw liż-żgħażagħ fi proċessi attwali tal-valutazzjoni u l-evalwazzjoni*** tal-impatt***, f'allinjament sħiħ mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar*** u ***mingħajr ma jiġu introdotti piżijiet amministrattivi addizzjonali***;

Emenda 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Test mhux emendat inkluż fil-kompromess*
12. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-metodoloġija attwali tagħha għall-identifikazzjoni ta' fajls rilevanti għaż-żgħażagħ, tinkludi kapitolu dwar il-"verifika taż-żgħażagħ" fil-komunikazzjoni li jmiss dwar regolamentazzjoni aħjar, u tintegra l-"verifika taż-żgħażagħ" bħala strument speċifiku fis-sett ta' għodod għal regolamentazzjoni aħjar;	12. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-metodoloġija attwali tagħha għall-identifikazzjoni ta' fajls rilevanti għaż-żgħażagħ, tinkludi kapitolu dwar il-"verifika taż-żgħażagħ" fil-komunikazzjoni li jmiss dwar regolamentazzjoni aħjar, u tintegra l-"verifika taż-żgħażagħ" bħala strument speċifiku fis-sett ta' għodod għal regolamentazzjoni aħjar;

Emenda 65

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jistieden lill-kumitati u lid-delegazzjonijiet parlamentari kollha jimplimentaw prattiki ta' integrazzjoni taż-żgħażagħ biex jipprovdu opportunitajiet	14. Jistieden lill-kumitati u lid-delegazzjonijiet parlamentari kollha jimplimentaw prattiki ta' integrazzjoni taż-żgħażagħ biex jipprovdu opportunitajiet

konkreti għaż-żgħażagħ biex ***jagħtu l-kontribut tagħhom***, ***bħal f'laqgħat paralleli mal-partijiet ikkonċernati taż-żgħażagħ, seduti*** ta' smigħ pubbliċi ma' esperti żgħażagħ u ***laqgħat*** ma' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ ***jew esperti żgħażagħ matul il-missjonijiet tal-kumitati***, ***u jiżguraw l-involviment attiv tal-Membri fl-Avvenimenti Ewropej taż-Żgħażagħ***;	konkreti għaż-żgħażagħ biex ***jikkontribwixxu***, ***inkluż f'seduti*** ta' smigħ pubbliċi ma' esperti żgħażagħ***,*** u ***jinvolvu ruħhom*** ma' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ ***matul l-attivitajiet tal-kumitati; jappella li tingħata attenzjoni partikolari lill-inklużjoni taż-żgħażagħ b'anqas opportunitajiet f'tali proċessi***, ***filwaqt li jiġi żgurat li l-parteċipazzjoni tagħhom tkun sinifikattiva u aċċessibbli***;

Emenda 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li d-Djalogi ta' Politika maż-Żgħażagħ mal-Kummissarji jiġu integrati b'mod sistematiku fl-azzjonijiet ta' politika, ***aktar milli jkunu attività ta' darba*** li ***tipprovdi biss*** appoġġ ***temporanju*** għall-integrazzjoni taż-żgħażagħ;	15. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li d-Djalogi ta' Politika maż-Żgħażagħ ***rikorrenti*** mal-Kummissarji jiġu integrati b'mod sistematiku fl-azzjonijiet ta' politika, filwaqt li jipprovdu appoġġ għall-integrazzjoni taż-żgħażagħ;

Emenda 67

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jappella li d-Djalogi ta' Politika maż-Żgħażagħ mal-Kummissarji jagħtu prijorità lill-isfidi strutturali ewlenin li jaffettwaw liż-żgħażagħ, inkluži l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol, u l-preparatezza għar-riskju ta' diżastri, bl-għan li jiġi infurzat il-kunċett ta' "libertà li wieħed jibqa" u jitrawmu l-valuri Ewropej;

Emenda 68

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jilqa' l-progress f'oqsma tradizzjonalment iffukati fuq iż-żgħażagħ, iżda jisħaq fuq il-ħtieġa li l-perspettivi taż-żgħażagħ jiġu integrati b'mod sistematiku f'setturi ewlenin oħra, abbażi tal-prijoritajiet attwali u emerġenti taż-żgħażagħ;	16. Jilqa' l-progress f'oqsma tradizzjonalment iffukati fuq iż-żgħażagħ, iżda jisħaq fuq il-ħtieġa li l-perspettivi taż-żgħażagħ jiġu integrati b'mod sistematiku ***fejn rilevanti*** f'setturi ewlenin oħra, abbażi tal-prijoritajiet attwali u emerġenti taż-żgħażagħ***, bħall-litteriżmu diġitali u l-ħiliet tekniċi***;

Emenda 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u jippromwovu l-ugwaljanza bbażata fuq l-età matul l-istadji kollha tal-ħajja permezz ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, b'enfasi partikolari fuq iż-żgħażagħ, li jiffaċċjaw ostakli speċifiċi u strutturali meta jiġu biex jaċċessaw impjiegi ta' kwalità, akkomodazzjoni u servizzi essenzjali; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija dwar l-ugwaljanza bbażata fuq l-età u ttejjeb il-ġbir tad-data u s-sensibilizzazzjoni biex tappoġġja politiki bbażati fuq l-evidenza fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi;

Emenda 70

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jisħaq li ż-żgħażagħ huma ***esperti f'ħajjithom stess*** u jeħtiġilhom jiġu rikonoxxuti bħala detenturi ***attivi*** tad-drittijiet u kokreaturi ta' politiki li jaffettwawhom, aktar milli sempliċement bħala benefiċjarji ***jew persuni kkonsultati***;	17. Jisħaq ***l-importanza li jiġi żgurat*** li ż-żgħażagħ huma ***involuti b'mod sinifikattiv fi proċess ta' tfassil ta' politika li jaffettwawhom*** u jeħtiġilhom jiġu rikonoxxuti bħala detenturi tad-drittijiet attivi u kokreaturi ta' politiki li jaffettwawhom, aktar milli sempliċement bħala benefiċjarji***; jenfasizza r-rwol ta' mekkaniżmi ta' involviment strutturat, inkluż id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-parteċipazzjoni fl-oqsma ta' politika kollha, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u r-rappreżentanti tal-istudenti; jappella għal bini tal-kapaċitajiet mtejjeb biex jippermetti parteċipazzjoni effettiva fil-konsultazzjonijiet, kif ukoll djalogu soċjali u negozjar kollettiv;***

Emenda 71

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jisħaq fuq l-importanza li ż-żgħażagħ jiġu involuti f'diskussjonijiet dwar l-impatt tal-IA fuq ħajjithom, b'mod partikolari f'oqsma bħall-edukazzjoni, l-ambjenti diġitali u s-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-involviment taż-żgħażagħ fit-tfassil ta' approċċi futuri għall-IA, inklużi proġetti pilota mmexxija miż-żgħażagħ li jiżviluppaw għodod ta' litteriżmu fl-IA, filwaqt li tiżgura li jikkontribwixxu għar-reżiljenza demokratika, il-protezzjoni tal-benesseri taż-żgħażagħ u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti;

Emenda 72

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Iqis li għal darb'oħra trid titqiegħed enfasi fuq il-valur tal-familja bħala l-qalba stabbilizzanti tas-soċjetà u fattur li jrawwem il-benesseri;

Emenda 73

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17c. Jenfasizza li l-integrazzjoni taż-żgħażagħ tinkiseb l-ewwel u qabel kollox permezz tal-impjieg u l-indipendenza finanzjarja;

Emenda 74

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza li l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tal-għajxien ugwali għaż-żgħażagħ kollha madwar l-Unjoni jrid ikun prijorità fundamentali tal-EUYS futura;	18. Jenfasizza li l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tal-għajxien ugwali għaż-żgħażagħ kollha madwar l-Unjoni jrid ikun prijorità fundamentali tal-EUYS futura ***sabiex jiġu indirizzati d-disparitajiet reġjonali persistenti fl-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol, l-ispariġġi fil-ħiliet, l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, l-aċċess għall-edukazzjoni u għat-taħriġ, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u l-protezzjoni soċjali***;

Emenda 75

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jappella għal miżuri speċifiċi biex jgħinu liż-żgħażagħ rurali jegħlbu l-ostakli fiżiċi ***li jgħixu f'żoni rurali*** iżolati;	19. Jappella għal miżuri speċifiċi biex jgħinu liż-żgħażagħ ***fil-gżejjer u fiż-żoni muntanjużi, rurali u żvantaġġati, inklużi dawk fir-reġjuni u t-territorji ultraperiferiċi tal-UE,*** jegħlbu l-ostakli fiżiċi***, diġitali u infrastrutturali tal-għajxien f'żoni*** iżolati; ***jappella għal aċċess imtejjeb għal opportunitajiet ta' konnettività, edukazzjoni u taħriġ biex jiġu miġġielda b'mod persistenti r-rati ogħla ta' NEETs u jiġu indirizzati aħjar l-isfidi strutturali bħal opportunitajiet limitati ta' impjieg***;

Emenda 76

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-qgħad fost iż-żgħażagħ (u elementi oħra mill-opinjoni tal-Kumitat EMPL)	***Impjieg taż-żgħażagħ ta' kwalità u inklużjoni soċjali***

Emenda 77

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***[opinjoni tal-Kumitat EMPL]***	20. ***Jenfasizza li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu ogħla b'mod sinifikanti mir-rati ġenerali tal-qgħad madwar l-UE; jinnota d-diverġenzi konsiderevoli li jeżistu f'ċerti Stati Membri u r-reġjuni; jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-appoġġ immirat, il-koordinazzjoni tal-politika u l-monitoraġġ imsaħħaħ fi Stati Membri li qed jiffaċċjaw qgħad strutturali fost iż-żgħażagħ, u biex iżżid ir-riżorsi għal programmi u proġetti, bl-għan li tiżgura li l-istrumenti tal-UE jindirizzaw b'mod effettiv il-fallimenti tas-suq tax-***

xogħol li ilhom jeżistu;

Emenda 78

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jisħaq fuq l-importanza ta' użu effiċjenti, strateġiku u orjentat lejn ir-riżultati tal-FSE+ biex jiġu appoġġjati l-impjiegi taż-żgħażagħ, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, b'enfasi partikolari fuq persuni b'diżabbiltà, f'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jissottolinja l-ħtieġa li tiġi aċċelerata l-implimentazzjoni tal-FSE+ sabiex jiġi żgurat l-impatt f'waqtu tiegħu, jiġi massimizzat l-effett ta' inċentiv tiegħu u jiġi pprovdut valur miżjud Ewropew ċar; jenfasizza li, minħabba l-firxa wiesgħa ta' prijoritajiet soċjali koperti mill-FSE+, ir-riżorsi jridu jkunu allokati b'mod koerenti u mmirat biex jiġu evitati l-frammentazzjoni u d-dilwizzjoni, u jiġu żgurati eżiti li jistgħu jitkejlu u sostenibbli;

Emenda 79

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jappella għal FSE awtonomu u separat bħala parti mill-QFP 2028–2034 u jissottolinja l-ħtieġa għall-allokazzjoni kontinwa tar-riżorsi f'dan ir-rigward; jappella, barra minn hekk, biex jinżamm l-obbligu għall-Istati Membri b'rata ta' NEETs ogħla mill-medja tal-UE li jallokaw minimu ta' 12,5 % tar-riżorsi tal-FSE+ għal inizjattivi li jippromwovu l-impjieg taż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u t-

	taħriġ vokazzjonali, u t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg;

Emenda 80

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20c. Jistieden lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tipproponi riforma komprensiva, ambizzjuża u li tħares 'il quddiem tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, u b'mod partikolari l-istrument tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, li tirrikonoxxi l-importanza tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fl-indirizzar tal-ostakli kumplessi li jiffaċċjaw n-NEETS, b'mod partikolari dawk li jiffaċċjaw lakuni fil-kopertura, filwaqt li jiġu indirizzati d-dgħufijiet strutturali fit-tfassil, fl-immirar u fil-monitoraġġ tagħha; jisħaq li l-effettività tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ għadha ma ġietx sfruttata bis-sħiħ mill-Istati Membri u li s-sensibilizzazzjoni għaż-żgħażagħ għadha sfida sinifikanti, b'mod partikolari għal dawk li huma diffiċli biex jintlaħqu, jiffaċċjaw l-esklużjoni soċjali jew huma qiegħda fit-tul; jisħaq li r-riżultati għandhom jitkejlu mhux biss abbażi tad-dħul immedjat taż-żgħażagħ fl-impjieg, fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ, iżda wkoll mill-kwalità, is-sostenibbiltà u l-prospetti ta' karriera fit-tul ta' tali opportunitajiet, sabiex jiġi evitat r-riskju ta' faqar aktar tard fil-ħajja;

Emenda 81

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20d. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-edukazzjoni għolja u t-taħriġ, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħra tas-suq tax-xogħol, kif ukoll l-entitajiet rilevanti tal-ekonomija soċjali attivi fis-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li jiżguraw li l-programmi ta' studju jkunu allinjati aħjar mad-domandi tal-ħiliet li qed jevolvu, u jiffaċilitaw tranżizzjonijiet aktar faċli fl-impjieg permezz tal-iżvilupp ta' servizzi individwali ta' gwida u konsulenza dwar il-karrieri; jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw l-ostakli finanzjarji u amministrattivi li jipprevjenu liż-żgħażagħ milli jaċċessaw opportunitajiet ta' traineeships imħallsa u ta' kwalità; jenfasizza li n-nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi ewlenin, inklużi l-oqsma tal-edukazzjoni, tal-kura tas-saħħa, tat-trasport, tal-kostruzzjoni u dawk STEM strateġiċi, jirrikjedi riformi strutturali u investiment pubbliku fis-sistemi edukattivi u tat-taħriġ, kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba, rikonoxximent tal-kwalifiki, u miżuri mmirati għar-reġjuni affettwati mid-depopolazzjoni;

Emenda 82

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 20e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20e. Jisħaq, b'mod partikolari, fuq il-ħtieġa li tiġi promossa l-parteċipazzjoni fid-dixxiplini STEM bħala prijorità strateġika tal-UE permezz ta' investiment pubbliku msaħħaħ u sħubijiet transsettorjali, l-integrazzjoni tal-ħiliet diġitali, ekoloġiċi u ta' ħsieb kritiku essenzjali għat-tranżizzjoni doppja, inkluż l-involviment akbar tan-nisa żgħażagħ u

	tal-gruppi sottorappreżentati, sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tat-talent tal-Ewropa u jissaħħu l-innovazzjoni, il-kompetittività teknoloġika u l-koeżjoni soċjali;

Emenda 83

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20f. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw aċċess ugwali għal introjtu minimu adegwat għaż-żgħażagħ fil-bżonn; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għal direttiva dwar skemi adegwati ta' introjtu minimu, li tiggarantixxi appoġġ għall-introjtu li jiżgura ħajja dinjituża għall-persuni kollha fil-bżonn, irrispettivament mill-età tagħhom;

Emenda 84

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20g. Jistieden lill-Istati Membri jippożizzjonaw l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bħala pedament tal-iżvilupp tal-ħiliet billi jisfruttaw il-Fond Ewropew għall-Kompetittività biex jiffinanzjaw it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid taż-żgħażagħ f'setturi strateġiċi sostenibbli bħas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-ekonomija ċirkolari u r-restawr ekoloġiku, allinjati bis-sħiħ mal-pjanijiet ta' ħidma tal-EUYS 2025-2027 u l-prijoritajiet ta' wara l-2027; jenfasizza l-potenzjal tal-VET li jipprovdu impjiegi ekoloġiċi ta' kwalità u opportunitajiet fl-ekonomija soċjali inklużi f'kooperattivi u servizzi ta' kura, u jiffaċilitaw tranżizzjonijiet immexxija mill-komunità

għaż-żgħażagħ b'anqas opportunitajiet; jisħaq fuq l-espansjoni tas-sistemi doppji tal-VET u tal-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol li jintegraw l-innovazzjoni ekoloġika u soċjali;

Emenda 85

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20h. Jilqa' r-rwol ta' strumenti bħall-inizjattiva ALMA (Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb) fil-FSE+ u fl-Erasmus+ fl-għoti ta' opportunitajiet ta' mobbiltà u taħriġ imfassla apposta għaż-żgħażagħ vulnerabbli u dawk l-aktar żvantaġġati, sabiex jittejbu l-iżvilupp tal-ħiliet u l-impjegabbiltà; jappella għall-implimentazzjoni effettiva, trasparenti u orjentata lejn ir-riżultati tal-inizjattiva ALMA, filwaqt li jiġu żgurati kriterji tal-għażla ċari u trasparenti, monitoraġġ robust tal-perkorsi individwali u s-salvagwardji biex jiġi ggarantit li l-inizjattiva tilħaq b'mod effettiv lil dawk li jiffaċċjaw ostakli ġenwini u strutturali għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol; jitlob ukoll li l-inizjattiva ALMA tibqa' fl-FSE+ fil-QFP li jmiss, fejn turi valur miżjud ċar u eżiti tal-impjiegi sostenibbli;

Emenda 86

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20i. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol billi jippromwovu l-aċċess għal impjieg stabbli u ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u opportunitajiet indaqs; jirrikonoxxi li ż-żgħażagħ għadhom

	jiffaċċjaw sfidi strutturali, inklużi s-sottoimpjieg, forom prekarji ta' xogħol u esponiment għal xogħol b'paga baxxa, li jista' jkollhom implikazzjonijiet fit-tul għall-iżvilupp tal-karriera u l-potenzjal ta' qligħ tagħhom; jenfasizza, barra minn hekk, il-fenomenu li l-ħaddiema żgħażagħ qed ikunu kkwalifikati żżejjed u kif dan l-isparigġ jista' jkollu impatt negattiv fuq il-potenzjal ta' qligħ fit-tul u fuq il-kompetittività. jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fil-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol; jenfasizza li l-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jrid jiġi rrispettat bis-sħiħ irrispettivament mill-età tal-persuna;

Emenda 87

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20j. Jissottolinja l-ħtieġa li jinftiehem aħjar l-impatt tal-iżviluppi teknoloġiċi, inkluża l-IA, fuq l-impjieg taż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-pożizzjonijiet fil-livell tad-dħul, u li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-ħiliet rilevanti permezz ta' sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluża l-IA fil-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ, sabiex iż-żgħażagħ jiġu mgħammra għas-suq tax-xogħol fl-era diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tqis is-sitwazzjoni tal-ħaddiema żgħażagħ fi kwalunkwe inizjattiva futura relatata mal-IA fuq il-post tax-xogħol, u tiżgura li l-użu ta' tali teknoloġiji jkun akkumpanjat minn salvagwardji xierqa u miżuri ta' trasparenza għaż-żgħażagħ;

Emenda 88

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 9a (ġdida) (wara l-paragrafu 20j)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ir-rabta tal-edukazzjoni u t-taħriġ mal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol

Emenda 89

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20k (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20k. Jisħaq fuq l-importanza strateġika ta' VET ta' kwalità, inklużi sistemi ta' apprendiment doppja li jikkombinaw l-apprendiment strutturat mal-esperjenza prattika fuq il-post tax-xogħol u apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, fl-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet fl-ekonomija Ewropea u l-faċilitazzjoni ta' tranżizzjonijiet b'anqas xkiel lejn impjieg ta' kwalità; itenni l-importanza ta' investiment fl-iżvilupp tal-ħiliet, fl-apprendiment tul il-ħajja u fil-miżuri ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' partijiet ikkonċernati lokali, ma' fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, u mas-sħab soċjali; jistieden lill-Istati Membri jintegraw aħjar l-elementi ta' preparatezza fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex iqajmu kuxjenza fost iż-żgħażagħ dwar ir-riskji ta' diżastri u jrawmu l-prevenzjoni u jippromwovu opportunitajiet ta' skambju fil-qasam tal-preparatezza, permezz ta' programmi għaż-Żgħażagħ tal-UE, sabiex jantiċipaw aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jevolvu u jsaħħu r-rabta bejn is-sistemi edukattivi u r-realtà ekonomika; jilqa' t-titjib fl-eżiti tal-impjiegi tal-gradwati reċenti fil-VET madwar l-UE, filwaqt li jisħaq fuq il-ħtieġa ta' titjib ulterjuri tal-eċċellenza, tal-attrazzjoni u tar-rilevanza tas-suq tax-xogħol tal-perkorsi vokazzjonali;

Emenda 90

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20l (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20l. Jinnota d-dimensjonijiet tal-ġeneru tal-impjieg taż-żgħażagħ u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, inklużi s-segregazzjoni okkupazzjonali, l-istereotipi persistenti tal-ġeneru, u l-ostakli għan-nisa li jidħlu f'oqsma tradizzjonalment iddominati mill-irġiel; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, jiżviluppaw miżuri attivi ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol biex jirreaġixxu għal dawn l-ostakli;

Emenda 91

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20m (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20m. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu traineeships ta' kwalità u remunerati b'mod ġust, li għandhom ikunu aċċessibbli għaż-żgħażagħ kollha, inklużi dawk b'diżabbiltà, u li jikkombinaw l-apprendiment strutturat mal-esperjenza prattika u jservu bħala punti ta' dħul effettivi fis-suq tax-xogħol, u jibbenefikaw kemm liż-żgħażagħ kif ukoll lill-kumpaniji billi jibnu forzi tax-xogħol kwalifikati u billi jinżamm it-talent, filwaqt li jiżguraw opportunitajiet reali għall-iżvilupp tal-ħiliet, għat-tkabbir professjonali u għall-impjieg sostenibbli fit-tul u jipprevjenu l-użu ħażin tagħhom bħala sostituti għal impjieg regolari; jappella biex id-direttiva li jmiss dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees tkun ambizzjuża u komprensiva, filwaqt li tiżgura l-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet tat-trainees, inkluża l-possibbiltà li t-traineeship jintemm mingħajr preġudizzju f'każ ta' ksur tad-drittijiet

fundamentali; jappella għall-konklużjoni rapida tan-negozjati dwar din id-direttiva;

Emenda 92

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20n (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20n. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu r-reżiljenza għall-klima u l-preparatezza għar-riskju ta' diżastri fi ħdan l-EUYS ta' wara l-2027, filwaqt li jiżguraw koerenza mal-programmi rilevanti tal-UE fl-ambitu tal-QFP li jmiss; jisħaq li l-istrumenti ta' finanzjament attwali tal-UE, inkluż l-FSE+, għandhom jintużaw b'mod immirat u orjentat lejn ir-riżultati biex jappoġġjaw inizjattivi mmexxija miż-żgħażagħ, inklużi proġetti tal-ekonomija soċjali u tal-intrapriżi soċjali li jikkontribwixxu, fost affarijiet oħra, għar-restawr tal-bijodiversità, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u r-reżiljenza lokali; jappella li l-elementi ta' preparatezza u prevenzjoni jiġu riflessi aħjar fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż permezz ta' pjattaformi tal-edukazzjoni u taż-żgħażagħ, sabiex titqajjem kuxjenza dwarhom fost iż-żgħażagħ; jissottolinja l-importanza li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet taż-żgħażagħ fil-politiki rilevanti kollha tal-UE, fir-rigward ta', fost l-oħrajn, il-koeżjoni, il-politika agrikola komuni, it-tranżizzjoni doppja, u l-kompetittività;

Emenda 93

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20o (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20o. Itenni li hemm il-ħtieġa li jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-

Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-anqas EUR 20 biljun; jinsisti li dan il-baġit iddedikat irid jiġi ankrat fil-QFP li jmiss u implimentat permezz tal-FSE+, b'obbligu vinkolanti fuq kull Stat Membru biex jalloka mill-anqas 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali tiegħu tal-FSE+ għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal;

Emenda 94

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20p (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20p. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri li jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol madwar l-UE, filwaqt li jiżguraw l-protezzjoni tal-standards tax-xogħol u r-rikonoxximent imtejjeb tal-kwalifiki professjonali, it-trasferibbiltà mtejba tal-ħiliet u tal-kredenzjali diġitali, u koordinazzjoni aħjar għat-tneħħija tal-ostakli regolatorji li jifdal fis-suq uniku, b'mod partikolari f'setturi fejn ġie identifikat nuqqas sinifikanti ta' ħaddiema u ħiliet, bħas-setturi tal-kostruzzjoni u tat-tagħlim;

Emenda 95

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 9b (ġdida) (wara l-paragrafu 20p)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Intraprenditorija taż-żgħażagħ

Emenda 96

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20q (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20q. Jenfasizza li l-EUYS ta' wara l-2027 għandha tħeġġeġ il-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ u tal-istart-ups permezz ta' proċeduri amministrattivi simplifikati, aċċess imtejjeb għall-finanzi u appoġġ immirat għall-ħiliet, inkluż f'setturi emerġenti bħall-ekonomija ċirkolari u l-innovazzjoni sostenibbli;

Emenda 97

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20r (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20r. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-pożijiet amministrattivi bla bżonn u jtejbu l-aċċess għall-programmi għaż-żgħażagħ tal-UE filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-istandards soċjali u tax-xogħol; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-edukazzjoni intraprenditorjali li tgħammar liż-żgħażagħ b'ħiliet orjentati lejn il-futur biex jappoġġjaw il-ħolqien ta' intrapriżi tal-ekonomija soċjali f'setturi sostenibbli, filwaqt li jipprovdu soluzzjonijiet xprunati lokalment b'benefiċċji soċjali u ambjentali b'saħħithom għall-komunitajiet tagħhom;

Emenda 98

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20s (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20s. Jisħaq li appoġġ aktar b'saħħtu għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-professjonisti li jaħdmu għal rashom u kemm għal intraprendituri żgħażagħ attwali kif ukoll għal dawk

	potenzjali huwa essenzjali biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE, titrawwem l-innovazzjoni, jissaħħaħ is-suq uniku u jinħolqu opportunitajiet ta' impjieg taż-żgħażagħ sostenibbli u ta' kwalità ; jappella għall-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri li għandhom l-għan li jneħħu l-ostakli regolatorji u jtejbu l-opportunitajiet transfruntiera għall-intraprendituri żgħażagħ, inkluż ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali;

Emenda 99

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20t (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20t. Jirrikonoxxi li ż-żgħażagħ jiffaċċjaw firxa ta' sfidi tas-suq tax-xogħol, inklużi s-sottoimpjieg, forom prekarji ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u aċċess limitat għall-opportunitajiet ta' xogħol ta' kwalità, li jista' jkollhom implikazzjonijiet fit-tul għall-iżvilupp tal-karriera u l-potenzjal ta' qligħ tagħhom;

Emenda 100

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 9c (ġdida) (wara l-paragrafu 20t)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Akkomodazzjoni affordabbli

Emenda 101

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jipproponu qafas legali li effettivament jipprojbixxi internships,***	21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jipprojbixxu*** traineeships mhux imħallsa, peress li dawn

traineeships ***u apprendistati*** mhux imħallsa, peress li dawn jikkostitwixxu forma ta' sfruttament ta' ħaddiema żgħażagħ u jimblukkaw l-aċċess ġust għas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ mingħajr riżorsi finanzjarji; jitlob li r-relazzjonijiet kollha ta' impjieg li jinvolvu ż-żgħażagħ jiġu remunerati b'mod ġust u jipprovdu aċċess għall-protezzjoni soċjali;	jikkostitwixxu forma ta' sfruttament ta' ħaddiema żgħażagħ u jimblukkaw l-aċċess ġust għas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ mingħajr riżorsi finanzjarji; jitlob li r-relazzjonijiet kollha ta' impjieg li jinvolvu ż-żgħażagħ jiġu remunerati b'mod ġust u jipprovdu aċċess għall-protezzjoni soċjali; ***jissottolinja l-ħtieġa li jiġi evitat l-użu ħażin tat-traineeships bħala sostitut għall-impjieg;***

Emenda 102

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jenfasizza li ż-żgħażagħ huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-kriżi tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari minħabba d-dipendenza tagħhom mis-suq tal-kiri, li jista' jillimita l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u adegwata u jdewwem l-indipendenza tagħhom; jinnota li ż-żgħażagħ huma sikwit esposti għal kundizzjonijiet prekarji tal-kera; jissottolinja li dawn l-isfidi jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-opportunitajiet ta' impjieg, il-mobbiltà u l-inklużjoni soċjali tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw miżuri biex itejbu l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u ta' kwalità u jżidu l-provvista tagħha, inkluż għall-istudenti, u jippromwovu soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni bbilanċjati u sostenibbli li jiffaċilitaw l-aċċess għall-akkomodazzjoni u jappoġġjaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol; jappella għal miżuri immirati li jippromwovu kuntratti ta' kiri fit-tul u stabbli, sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-pussess u tiġi pprovduta prevedibbiltà akbar għall-kerrejja; jisħaq li l-akkomodazzjoni għandha tiġi riflessa bħala pilastru ewlieni fi ħdan l-EUYS ta'

wara l-2027;

Emenda 103

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu b'mod sinifikanti t-tfassil, l-immirar u l-monitoraġġ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ Imsaħħa (RYG) biex jiżguraw li din tkun immirata b'mod effettiv lejn iż-żgħażagħ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u tkun aċċessibbli għalihom; jisħaq fuq il-ħtieġa li titkejjel u tiġi vvalutata l-effettività fit-tul tal-RYG f'termini ta' kwalità, sostenibbiltà u prospetti ta' karriera fit-tul; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi kriterji ta' kwalità vinkolanti għall-RYG b'mekkaniżmi robusti ta' monitoraġġ u infurzar, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar "Pont għall-Impjiegi – It-Tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ"[1a], u tagħmel il-finanzjament tal-Unjoni għall-RYG kundizzjonali fuq il-konformità tal-Istati Membri mal-istandards ta' kwalità;

[1a] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, ĠU C 72, 4.11.2020, p. 1.

Emenda 104

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni ***u lill-***	23. ***Jistieden lill-Kummissjoni***

Istati Membri jisiltu tagħlimiet mill-pandemija tal-COVID-19, ***jiggarantixxu*** aċċess ***liberu***, ***f'waqtu*** u mhux diskriminatorju ***għall-kura*** tas-saħħa mentali għaż-żgħażagħ ***kollha bħala parti mis-servizzi*** tas-saħħa pubblika, u jiżviluppaw ***strateġiji*** ta' tħejjija speċifiċi għaż-żgħażagħ ***għal kriżijiet futuri*** biex ***jiżguraw*** li ż-żgħażagħ ***ma jiġux*** affettwati b'mod sproporzjonat;

ssaħħaħ il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE dwar is-saħħa mentali taż-żgħażagħ, filwaqt li tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet reċenti tagħha u tislet tagħlimiet mill-pandemija tal-COVID-19, b'enfasi partikolari fuq il-prevenzjoni, l-intervent bikri u l-benesseri mentali taż-żgħażagħ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw aċċess ***f'waqtu***, ***aċċessibbli*** u mhux diskriminatorju ***għas-servizzi*** tas-saħħa mentali ***għaż-żgħażagħ, billi jitqiesu l-ħtiġijiet partikolari ta' persuni li jindukraw żgħażagħ u adulti żgħażagħ u jiġi żgurat appoġġ biex jiġu indirizzati l-isfidi assoċjati mar-responsabbiltajiet ta' kura fis-sistemi tas-saħħa pubblika u b'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali***, u jiżviluppaw ***miżuri*** ta' tħejjija speċifiċi għaż-żgħażagħ biex ***jipprevjenu*** li ż-żgħażagħ ***jiġu*** affettwati b'mod sproporzjonat ***fi kriżijiet futuri***;

Emenda 105

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Iwissi li l-media soċjali tesponi liż-żgħażagħ, speċjalment lin-nisa u lill-bniet, għal kontenut ta' ħsara li fih, pereżempju, pressjonijiet fuq l-immaġni tal-ġisem, promozzjoni tad-disturbi alimentari, immaġnijiet sesswali mhux mitluba, fastidju, u abbuż ibbażat fuq il-ġeneru, b'75 % tan-nisa żgħażagħ ta' bejn is-16 u l-21 sena jirrapportaw ħsara serja lill-awtostima; jitlob moderazzjoni aktar stretta tal-pjattaformi, regoli estiżi skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u litteriżmu diġitali obbligatorju fil-kurrikuli biex tiġi protetta s-saħħa mentali taż-żgħażagħ u jiġu promossi spazji online sikuri għal kulħadd;

Emenda 106

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Itenni li l-isport u l-attività fiżika jippromwovu l-benesseri fiżiku u mentali, l-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali, l-iżvilupp taż-żgħażagħ u ċ-ċittadinanza attiva;	24. Itenni li l-isport u l-attività fiżika jippromwovu l-benesseri fiżiku u mentali, l-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali, l-iżvilupp taż-żgħażagħ u ċ-ċittadinanza attiva; ***jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat aċċess inklużiv u ugwali għall-arti, l-isport u l-attività fiżika, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u jirrikonoxxi r-rwol tagħhom fit-trawwim ta' sens ta' appartenenza u inklużjoni soċjali; jenfasizza r-rwol tagħhom fl-iżvilupp tal-ħiliet ewlenin, ir-reżiljenza u l-fiduċja fihom infushom, u fl-appoġġ tal-involviment taż-żgħażagħ fil-ħajja komunitarja, b'mod partikolari permezz tal-isport għad-dilettanti u l-organizzazzjonijiet sportivi lokali; jenfasizza li l-isport u l-arti jistgħu jipprovdu wkoll opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex jiżviluppaw ħiliet trasferibbli u jaċċessaw perkorsi ta' impjieg, inkluż fis-setturi sportivi u kreattivi;***

Emenda 107

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jilqa' l-fatt li sar progress konsiderevoli fid-diversità u l-inklużjoni fid-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ; jesprimi dispjaċir, madankollu, għall-fatt li ż-żgħażagħ rurali u dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ huma sottorappreżentati fil-11-il ċiklu;	25. Jilqa' l-fatt li sar progress konsiderevoli fid-diversità u l-inklużjoni fid-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ; jesprimi dispjaċir, madankollu, għall-fatt li ż-żgħażagħ rurali u ***minn żoni żvantaġġati u*** dawk ***li huma*** barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ huma sottorappreżentati fil-11-il ċiklu;

Emenda 108

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Test mhux emendat inkluż fil-kompromess*
28. Jistieden lill-Kummissjoni tallinja l-EUYS ta' wara l-2027 ma' programmi ġodda fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali, bħall-Erasmus+, AgoraEU, Orizzont Ewropa, il-Fond Soċjali Ewropew Plus eċċ., sabiex tiġi żgurata l-koerenza, jiġu promossi s-sinerġiji u jitwessgħu l-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ madwar l-Unjoni;	28. Jistieden lill-Kummissjoni tallinja l-EUYS ta' wara l-2027 ma' programmi ġodda fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali, bħall-Erasmus+, AgoraEU, Orizzont Ewropa, il-Fond Soċjali Ewropew Plus eċċ., sabiex tiġi żgurata l-koerenza, jiġu promossi s-sinerġiji u jitwessgħu l-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ madwar l-Unjoni;

Emenda 109

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 13a (ġdida) (wara l-paragrafu 28)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ekwità interġenerazzjonali

Emenda 110

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw ibbaġitjar interġenerazzjonali ***ġust*** fir-rigward ***tal-perjodu ta' programmazzjoni*** 2028-2034; jisħaq li l-ekwità interġenerazzjonali ma tinkisibx permezz ta' miżuri ta' awsterità, iżda permezz ta' investiment pubbliku qawwi fl-edukazzjoni, l-infrastruttura u ***l-azzjoni*** klimatika sabiex jitħallew dinja abitabbli u servizzi soċjali robusti għall-ġenerazzjonijiet futuri;	29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw ibbaġitjar interġenerazzjonali ***adegwat*** fir-rigward ***tal-QFP li jmiss għall-perjodu*** 2028-2034; jisħaq li l-ekwità interġenerazzjonali ma tinkisibx permezz ta' miżuri ta' awsterità, iżda permezz ta' investiment pubbliku qawwi fl-edukazzjoni, l-infrastruttura u ***miżuri biex isaħħu l-preparatezza u r-reżiljenza*** klimatika sabiex jitħallew dinja abitabbli u servizzi soċjali robusti għall-ġenerazzjonijiet futuri ***appoġġjati minn***

kooperazzjoni pubblika-privata soda;

Emenda 111

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jisħaq li s-solidarjetà intergenerazzjonali hija pedament tal-mudell tal-benesseri tal-UE u essenzjali għall-preservazzjoni tal-koeżjoni soċjali fil-kuntest tal-bidla demografika u t-trasformazzjoni ekonomika; jenfasizza li l-politika dwar iż-żgħażagħ trid tinftiehem mhux b'mod iżolat iżda bħala parti minn strateġija usa' biex jiġu żgurati l-prosperità fit-tul, l-istabbiltà soċjali u l-fiduċja bejn il-ġenerazzjonijiet; inkluż permezz ta' miżuri li jrawmu postijiet tax-xogħol intergenerazzjonali u jippromwovu skambju ta' għarfien bejn il-ħaddiema żgħażagħ u dawk akbar fl-età;

Emenda 112

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki bilanċjati u li jħarsu 'l quddiem li jsaħħu l-kwalità għolja tal-impjieg taż-żgħażagħ, il-produttività u l-iżvilupp tal-ħiliet bħala xprunaturi ewlenin għall-iżgurar tas-sostenibbiltà fit-tul tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u tas-suq tax-xogħol fl-istadji kollha tal-ħajja tax-xogħol, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għall-ħaddiema żgħażagħ u professjonisti li jaħdmu għal rashom; jisħaq li l-espansjoni tal-opportunitajiet għaż-żgħażagħ u l-infurzar tal-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol huma prijoritajiet li jsaħħu b'mod reċiproku u li huma

	essenzjali għall-istabbiltà soċjali u għar-reżiljenza tas-sistemi tal-benesseri tal-Ewropa;

Emenda 113

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 29c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29c. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea dwar l-ekwità interġenerazzjonali, tiżgura li l-perspettivi fit-tul ikunu integrati b'mod effettiv fil-politiki tal-UE dwar l-impjieg, l-edukazzjoni u dawk soċjali, sabiex l-interessi tal-ġenerazzjonijiet preżenti u dawk futuri jitqiesu fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki;

Emenda 114

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Itenni li ***edukazzjoni*** u taħriġ ta' kwalità huma dritt fundamentali; jisħaq li l-aċċess għall-edukazzjoni għandu jiġi ggarantit għaż-żgħażagħ ***Ewropej*** kollha, irrispettivament mill-istatus soċjoekonomiku, l-etniċità jew ***il-ġeneru tagħhom***;	30. Itenni li ***l-aċċess għall-edukazzjoni*** u taħriġ ta' kwalità huma dritt fundamentali***, li jissottolinja l-bżonn għal finanzjament adegwat***; jisħaq li l-aċċess għall-edukazzjoni għandu jiġi ggarantit għaż-żgħażagħ kollha, irrispettivament mill-istatus soċjoekonomiku, l-etniċità***, il-ġeneru, id-diżabbiltà*** jew ***il-bżonnijiet speċjali fl-edukazzjoni tagħhom, b'tali mod li jiġu żgurati kurrikuli inklużivi, infrastruttura aċċessibbli u sistemi ta' appoġġ imfassla apposta***;

Emenda 115

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jenfasizza li l-politiki taż-żgħażagħ għandhom jappoġġjaw ukoll is-setturi tradizzjonali tal-ekonomija, bħall-agrikoltura, l-artiġjanat u l-ipproċessar;

Emenda 116

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw liż-żgħażagħ ***emarġinati*** fl-aċċess għall-edukazzjoni formali;	32. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw liż-żgħażagħ ***f'sitwazzjonijiet vulnerabbli*** fl-aċċess għall-edukazzjoni formali; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-ħtiġijiet partikolari tal-persuni li jindukraw żgħażagħ f'termini ta' arranġament edukattivi u appoġġ sabiex jimmaniġġjaw il-piż tar-rwoli ta' indukrar tagħhom;***

Emenda 117

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jistieden lill-Istati Membri jżidu ***b'mod sinifikanti*** l-investiment pubbliku ***fis-sistemi edukattivi*** u ***jindirizzaw in-nuqqas*** ta' għalliema;	33. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-investiment pubbliku ***fl-edukazzjoni, isaħħu s-sistemi tal-iskejjel*** u ***jiżguraw għadd adegwat ta' għalliema kwalifikati; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg, u li jiġi żgurat li l-pagi jkunu konformi mal-ħtiġijiet attwali u li jiġu implimentati strateġiji ta' reklutaġġ immirati sabiex tiġi pprovduta edukazzjoni ta' kwalità għall-istudenti kollha bl-għan li tissaħħaħ l-eċċellenza akkademika; jinnota li investiment insuffiċjenti fl-infrastruttura edukattiva u fil-persunal tat-tagħlim kwalifikat jimmina l-opportunitajiet indaqs għaż-żgħażagħ u jnaqqas l-attraenza fit-tul tar-reġjuni rurali u***

	remoti li jesperjenzaw depopolazzjoni li qed taċċellera;

Emenda 118

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-edukazzjoni ***tal-litteriżmu fil-media*** permezz tal-forom kollha ta' apprendiment, inkluż fil-kurrikuli tal-iskejjel, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-pjattaformi diġitali, ***b'attenzjoni partikolari għall-gruppi vulnerabbli*** u ***emarġinati***;	34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-edukazzjoni ***dwar il-litteriżmu diġitali u medjatiku*** permezz tal-forom kollha ta' apprendiment, inkluż fil-kurrikuli tal-iskejjel, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-pjattaformi diġitali, ***fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja, biex jibnu r-reżiljenza fost iż-żgħażagħ kontra t-theddid ibridu u jippromwovu l-ħsieb kritiku u l-edukazzjoni bbażata fuq l-evidenza,*** b'attenzjoni partikolari ***għaż-żgħażagħ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli***;

Emenda 119

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi żviluppata politika aktar koerenti dwar l-edukazzjoni ċivika; jenfasizza li l-edukazzjoni ċivika, inkluża l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza diġitali, għandha tinbena f'sistemi edukattivi formali, mhux formali u informali;	35. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi żviluppata politika aktar koerenti ***u strateġika*** dwar l-edukazzjoni ċivika ***biex jiġu promossi l-valuri Ewropej, il-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, ir-responsabbiltà ċivika, ir-rispett għad-diversità u kultura ta' solidarjetà; jissottolinja*** li l-edukazzjoni ċivika, inkluża l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza diġitali, għandha tiġi ***integrata*** fis-sistemi edukattivi formali, mhux formali u informali kollha;

Emenda 120

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa moduli ta' taħriġ speċifiċi dwar l-edukazzjoni ċivika demokratika għal kull min jieħu sehem fl-Erasmus+ jew fil-KES;	37. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa moduli ta' taħriġ speċifiċi dwar l-edukazzjoni ċivika demokratika, ***inkluż il-preparatezza ċivika,*** għal kull min jieħu sehem fl-Erasmus+ ***u*** fil-KES; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw il-preparatezza għar-riskju ta' diżastri bħala komponent ewlieni tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza demokratika għaż-żgħażagħ, f'kuntest ta' kriżijiet relatati mal-klima u kkawżati mill-bniedem li qed jintensifikaw;***

Emenda 121

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	40a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu s-sistemi għar-rikonoxximent u għall-validazzjoni tal-ħiliet miksuba permezz tal-edukazzjoni mhux formali u informali, il-volontarjat u l-ħidma fost iż-żgħażagħ, inkluż għaż-żgħażagħ b'diżabbiltà, b'mod partikolari fejn tali kompetenzi jistgħu jgħinu biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet f'setturi ewlenin;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-abbozz ta' opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-abbozz ta' opinjoni, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza li ġejjin[1], jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
ATREVIA Comunicación S.L.U.

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	2.6.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 46 –: 1 0: 2

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

46	+
ECR	Elena Donazzan, Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Mariateresa Vivaldini
ESN	Petar Volgin
NI	Branislav Ondruš, Jan-Peter Warnke
PPE	Maravillas Abadía Jover, Magdalena Adamowicz, Pascal Arimont, Andrzej Buła, Niels Geuking, Martine Kemp, Miriam Lexmann, Eleonora Meleti, Dan-Ştefan Motreanu, Elena Nevado del Campo, Giusi Princi, Dennis Radtke, Liesbet Sommen, Romana Tomc
PfE	Mélanie Disdier, Julien Leonardelli, Séverine Werbrouck
Renew	Grégory Allione, Elisabetta Gualmini, Irena Joveva, Brigitte van den Berg
S&D	Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Klára Dobrev, Isilda Gomes, Marit Maij, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Raffaele Topo, Marianne Vind
The Left	Li Andersson, Konstantinos Arvanitis, Leila Chaibi, Kathleen Funchion
Verts/ALE	Sara Matthieu, Maria Ohisalo, Villy Søvndal

1	-
PfE	Harald Vilimsky

2	0
PfE	Margarita de la Pisa Carrión, Pál Szekeres

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni